# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT
## Dr A. Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur (EU Law)

**Illum 28 ta' Dicembru 2001**

Fl-atti tal-kawza citazzjoni numru 33/00

APS Bank Limited (Fergha ta' Ghawdex)

-vs-

Muscat Marine Limited, Mario Muscat, Edwin Muscat, Peter u Valerie konjugi Muscat

**Il-Qorti;**

Illi b'sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi tat-2 ta' Ottubru 2001 din il-Qorti ddecidiet il-kawza billi:

1. iddikjarat is-socjeta' Muscat Marine Limited debitrici ta' l-attur fis-somma ta' tmienja u erbghin elf mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm48,162.52) bl-imghax kif mitlub fit-tielet talba;

2. iddikjarat il-konvenuti Peter u Valerie konjugi Muscat debituri ta' l-attur in solidum mas-socjeta' Muscat Marine Limited kwantu ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u hmistax-il lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm21,815.46) formanti parti l-ammont fuq citat ta' tmienja u erbghin elf mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm48,162.52) bl-imghax kif mitlub fit-tielet talba;

3. ikkundannat il-konvenuti jhalsu lill-attur l-ammont skond hawn fuq u solidalment bejniethom safejn applikabbli kif spjegat;

Bl-ispejjez mitluba kontra l-imsemmija socjeta' u l-kovenuti li minnhom il-konvenuti Peter u Valerie Muscat ghandhom ibatu n-nofs.

Illi b'rikors ipprezentat fil-15 ta' Ottubru 2001 l-atturi esponew is-segwenti:

"Illi din il-kawza saret a bazi ta' erba' kuntratti u cioe' kuntratt ta' l-1 ta' Dicembru 1994, iehor ta' l-24 ta' Frar 1996, u iehor tas-7 ta' Dicembru 1996 kollha atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo u kuntratt tas-16 ta' Lulju 1997 atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani li permezz taghha gew mislufa mill-esponenti Lm48,126.52 lis-socjeta' Muscat Marine Limited;

Illi din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li filwaqt li s-socjeta' Muscat Marine Limited hija responsabbli ghall-intier, Peter u Valerie Muscat huma responsabbli ghall-hlas biss tas-somma ta' Lm21,815.46 mill-facilita' intiera;

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar ir-responsabbilita o meno ta' Mario Muscat u Edwin Muscat, la fil-kunsiderazzjonijiet u lanqas fil-parti disposittiva tas-sentenza;

Illi skond il-kuntratti hawn fuq citati jirrizulta li fil-fatt Mario Muscat u Edwin Muscat huma responsabbli ghad-debitu intier li ghalih hija responsabbli s-socjeta' Muscat Marine Limited solidalment ma' l-istess socjeta'

Ghaldaqstant l-esponeneti titlob bil-qima lill-Qorti sabiex a tenur ta' l-Artikolu 825 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili tippronunzja ruhha dwar Mario Muscat u Edwin Muscat u tikkundanna lill-istess ghall-hlas tad-debitu intier kif mitlub solidalment mal-Kumpanija Muscat Marine Limited".

Illi c-citat Artikolu 825 tal-Kap 12 fit-tieni sub-incis tieghu jiddisponi li "Lanqas ma jimpedixxu milli tikkorregi zbalji fil-kliem uzat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux cari, jew li jistghu jiftehmu xorta ohra minn dak li kif jidher car riedet tfisser il-Qorti....."

Illi huwa wisq car li r-rikors in dizamina gie pprezentat entro z-zmien stipulat fic-citat sub-incis, kif ukoll li hemm zball u espressjonijiet fis-sentenza li jirrikjedu li jigu kjarifikati.

Illi dawn jikkonsistu filli fil-waqt li fis-sentenza fil-parti dispositiva, precizament l-ahhar paragrafu qabel il-parti decizjonali, is-sentenza tghid li "Fi kliem iehor dak li l-Qorti qeghdha tghid hu li ghall-ammonti li jidhru fil-kontijiet ta' hawn fuq id-debitur hija s-socjeta' Muscat Marine Limited u hadd aktar" u tkompli li "ma rrizulta minn imkien iehor fl-atti li l-ammont aggregat u naxxenti minn dawn il-kontijiet gie garantit, solidalment jew mod iehor minn terzi, senjatament il-konvenuti l-ohra" irid jigi imfisser ghar-rigward l-espressjoni "l-konvenuti l-ohra' li tirreferi ghall-konjugi Peter u Valerie Muscat u mhux ghall-konvenuti Mario u Edwin ahwa Muscat li kif jirrizulta ben car mill-kuntratti esebiti kienu garanti ghall-kumpanija Muscat Marine Limited ghall-ammont kollu li proprjament huwa ta' Lm48,126.52 u mhux Lm48,162.52.

Illi dan jirrizulta inekwivokabbilment mill-kuntratti u l-kontijiet esebiti li minn ezami taghhom jirrizulta li s-socjeta' Muscat Marine Limited flimkien u solidalment mal-konvenuti Mario u Edwin ahwa Muscat huma debituri tal-bank attur fl-ammont globali ta' LM48,126.52 referenza l-bilanc fil-"Loan Account" numri 11013432014, 11013432025 u 11013432036 abbinati u in aggunta mal-"Current Account" 11013430023, 11013430034 u 11013430045 rispettivament.

Illi huwa opportun ghalhekk li jigi korrett u kjarifikat l-ewwel paragrafu, indikat bin-numru, tal-parti decizjonali, li ghandu jaqra u jigi miftiehem kif ser jinghad, li: "tiddikjara s-socjeta' Muscat Marine Limited u Mario Muscat u Edwin Muscat fil-kapacita' taghhom ta' garanti ghall-imsemmija Muscat Marine Limited u solidalment ma' l-istess, debituri ta' l-attur fis-somma ta' tmienja u erbghin elf u mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm48,126.52) bl-imghax kif mitlub ft-tielet talba".

Tordna ghalhekk li s-sentenza tigi korretta kif jinghad hawn fuq u permezz tal-prezenti li ghandu jifforma parti integrali tas-sentenza fuq riferita.

L-ispejjez tal-prezenti fic-cirkostanzi jibqghu a karigu ta' l-attur.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur